**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 760/2018 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**
**vs**
**Robert Fiteni**

**Illum 26 ta' April, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Robert Fiteni ta' 39 sena, iben Anthony u Rita xebba Vella, imwieled l-Pieta' nhar l-1 ta' Ġunju 1979, residenti ġewwa fond numru 6, Eclipse, Triq l-Għanja Maltija, Żebbuġ Malta detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 261979M;

Akkużat talli nhar l-1 ta' Diċembr 2018, għal ħabta tat-3:00 ta' filgħaxija, ġewwa Triq Diċembru Tlettax u nħawi oħra ġewwa l-lokalita' tal-Marsa:-

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS 918 Clayton Azzopardi u PC 1189 Jurgen Falzon, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt billi volontarjament saq vettura tat-tip Seat Ibiza bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-405 fid-direzzjoni tagħhom, u liema

delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi, attakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 918 Clayton Azzopardi u PC 1189 Jurgen Falzon persuni inkjarigati skont il-liġi minn servizz pubbliky, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi, jinġurja jew hedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' PS 918 Clayton Azzopardi u PC 1189 Jurgen Falzon inkjarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Seat Ibiza bin-numri ta' reġistrazzjoni ABI-405 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Transport Malta taħt dik il-kategorija speċifikata għall-imsemmija vettura;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Seat Ibiza bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-405, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Seat Ibiza bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-405 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar riskji għal terzi persuni;
7. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Seat Ibiza bin-numru ta' reġistrazzjoni ABI-405 u naqas milli jieqaf fuq sinjal ta' traffiku li jindika 'STOP';
8. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat, u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Seat Ibiza bin-numri ta' reġistrazzjoni ABI-405, u għaddejt kontra is-sinjal li jindika li ma hemmx dħul (No Entry);

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kie misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lil Robert Fiteni milli jkollu jew jikseb ebda liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidrilha xieraq.

Fl-aħħarnett, il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' ta' PS 918 Clayton Azzopardi, u PC 1189 Jurgen Falzon jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuni offiżi u l-familja tagħhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ippreżentati inkluż fedina penali, rapport tal-pulizija, dettalji tat-twelid ta' l-imputat, kunsens ta' l-Avukat Ġenerali, żewġ stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, riċevuta immarkata bħala Dok MG1, case summary ta' l-isptar Mater Dei immarkat bħala Dok MG2, mandat t'arrest immarkata bħala Dok MG3, starrija ta' l-impuat immarkata bħala Dok MG4, ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat immarkat bħala Dok MG5, sentenza immarkata Dok MG6, okkorrenza immarkata bħala Dok MG7, dokument mit-Transport Malta immarkata Dok TM1;

Semghet il-provi; u

**Ikkunsidrat:**

Illi nhar l-1 ta' Diċembru 2018 membri ta' l-RIU kellhom bżonn assistenza fi Triq Diċembru Tlettax, Marsa u peress li kienu għadhom kemm waqfu karozza Seat numru ta' reġistrazzjoni ABI 405 li kienet misuqja minn Robert Fiteni. L-imputat ġie arrestat b'mod immedjat. Qabel dan l-imputat kien fl-akkwata ta' Triq it-Tiġrija kantuniera ma' Sqaq il-Ġerrejja, fejn il-bar Mackay Bar u niżlet il-vettura Seat Ibiza. L-imputat baqa' ħiereġ minn fuq l-istop sign għal ġo PS 918 u PC 1189 li kienu duty patrol bil-vettura tagħhom. Meta l-pulizija xegħlu l-beacon lights biex iwaqqfu l-vettura fuq kontravvenzjoni, x-xufier baqa' jsuq ġewwa l-istess imsemmija Triq it-Tiġrija direzzjoni lejn Triq Diċembru Tlettax lejn il-main road u l-imputat baqa' jsuq u żied il-veloċita', dak il-ħin il-Pulizija saqu miegħu bil-vettura bil-beacon lights mixgħulin, bl-air horn u bdew jgħidulu biex jieqaf fil-ġenb. PC 1189 jgħid li irnexxielhom jagħlqulu t-triq meta umbagħad ġie arrestat.

Għal dak li jirriwarda l-ewwel imputazzjoni ma jidhirx li sar rapport f'dan is-sens u lanqas ma jirriżulta li xi ħadd mill-Pulizija involuti u cioe' PS 918 u PC 1189 sofrew xi ġrieħi, ma jirriżultax lanqas mill-okkorrenza ippreżentata li kien hemm xi forma ta' tenttattiv ta' ġrieħi subiti mill-Pulizija indikati.

Kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjoni dawn lanqas ma jirrizultaw mill-provi miġjuba u dan peress li fil-mument ta' l-arrest l-ebda uffiċjal tal-

Pulizija ma xehdu li kien hemm xi reżistenza għalih min-naħa ta' l-imputat. Jirriżulta li fil-mument li l-karozza ta' l-imputat ġiet ibblokkjata, l-imputat ġie arrestat u ma jżidu l-ebda dettal marbut ma' l-arrest ta' l-imputat. Illi l-ebda dettal rigward dawn iż-żewġ imputazzjonijiet ma tirriżulta mill-okkorrenza ippreżentata fil-proċess.

Illi dwar ir-raba' imputazzjoni li l-imputat saq mingħar liċenzja tas-sewqan, din tirriżulta u dan peress li xehed ir-rappreżentant tat-Transport Malta li jgħid li l-imputat kellu liċenzja skaduta fl-1 ta' Ġunju 2018. L-istess Robert Fiteni jametti fl-istqarrija tiegħu mogħtija lill-Pulizija li kien qiegħed isuq bla liċenzja tas-sewqan, għalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata.

Illi dwar is-sitt imputazzjoni li l-imputat kien qed isuq vettura bil-mutur mingħajr ma kien kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni tirriżulta pruvata wkoll u dan peress li l-onus tal-prova ta' din l-imputazzjoni taqa' fuq l-imputat. L-imputat tela' jixhed quddiem din il-Qorti nhar is-16 t'Ottubru 2020 u jgħid li kien jaf li l-insurance u l-liċenzja tiegħu ma kienux imġeddin.

Kwantu jirrigwarda l-ħames imputazzjoni u cioe' dik li l-imputtat Robert Fiteni saq vettura bil-mutur bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont, il-Qorti sejra tagħmel aċċenn għas-sentenza *Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 6 ta' Mejju 1997,* meta ntqal is-segwenti:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq ilmod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

Illi f'dan il-każ il-Pulizija xehdu li l-imputat Fiteni kien qiegħed isuq b'veloċita' eċċessiva u jgħaddi minn ġol-one ways bla kont, mument minnhom dawwar l-isteering wheel għal fuqhom tant li huma kellhom jagħfsu l-break biex jevitaw kollużjoni. Fix-xhieda tiegħu l-istess imputat ma jikkontradiċix lill-Pulizija li xehdu u għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat Robert Fiteni kien qed isuq b'mod deliberatament bla kont lejn ħajjiet ħaddieħor biex b'xi mod jeskapula lill-Pulizija li riedu jarrestawh.

Illi fuq ammissjoni ta' l-istess imputat kemm fl-istqarrija tiegħu u fix-xhieda mogħtija, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet jirriżultaw ippruvati.

**Decide:**

**Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 21, 215, 216, 96(a), 95, 49, 50, 23(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a)(3), 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 2 Taqsima II Art E(a) L.S. 65.05 u Regolament 2 Taqsima II Art A(c) L.S. 65.05, issib lill-imputat Robert Fiteni ħati tar-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tmien (8) imputazzjonijiet, ma ssibux ħati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u għaldaqstant tilliberah minnhom, u tikkundannah għal multa ta' tlett elef Ewro (€3000) u l-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux inqas minn tmintax-il xahar mil-lum.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**